MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2009

Numru. 365/2009

Il-Pulizija
(Sp Priscilla Caruana)
vs
Giuseppe Zahra, iben Carmelo, imwieled Żejtun fil-21 ta' Ottubru, 1959

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
a. talli fid-19 ta' April, 2009 għal ħabta tas-2.00 p.m. ġewwa l-għassa ta'
Marsaxlokk:
1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xort'oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS1602 Marco Mifsud, persuna nkarigata skkond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qqed jaġixxi għall-

esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
2. talli fl-istess data, lok u ħin inġurja, jew hedded jew għamel offiża fuq PS1602 Marco Mifsud, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. talli fl-istess data, lok u ħin ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq PS1602 Marco Mifsud, skond kif iċċertifika Dr. Ian Gauci M.D. mill-klinika ta' Raħal Ġdid;
b. talli fid-19 ta' April, 2009 għal ħabta tas-1.50 p.m. ġewwa Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk:
4. ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija, jew ma ħallihomx jew
fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi;
5. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi rrifjuta li jagħti, lill-istess uffiċjal pubbliku msemmi li hu nkarigat minn servizz pubbliku waqt il-qadi tad-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u il-partikularijiet l-oħra;
6. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi nsulenta bil-kliem lill-PS1602 Marco Mifsud, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku;
7. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat, ġlied jew mod ieħor;
8. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi qal kliem oxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;
9. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GAU 879 fil-perjodu ta' meta l-liċenzja tas-sewqan kienet sospiża b'sentenzatal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 29 ta' Mejju, 2008;
Il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputat bħala reċidiv u dan wara li nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'diversi sentenżi li saru definittivi.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena stabbilita għal dawn ir-reati tapplika l-provvediment ta' l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' PS1602 Marco Mifsud.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 95, 96, 221(1), 338(ċ)(bb)(dd)(ee) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett telef euro (€3,000). Tordna s-sospensjoni tal-liċenzja tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------